**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 53/2001**

**Il-Pulizija (Spettur David Saliba, u Spettur Stephen Gatt)**

**Vs**

**JOSEPH CACHIA**
**-----omissis----**

**Illum, 6 ta'Lulju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Cachia talli fl-20 ta'Dicembru, 1997, minn Gwardamangia, ghal habta tal-11.00 a.m.:

1. Ikkommetta serq ta'karozza ta' l-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAP 231, ghad-dannu ta'Egidio Zammit minn San Gwann, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-Lm50, izda hija izjed minn LM10, fil-karozza Mini Minor numru CAP-231 ghad-dannu ta'Egidio Zammit minn San Gwann ;
3. Fl-istess data, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' karozza ta' l-ghamla Mini Minor numru CAP-231, kif ukoll arma tan-nar u flus kontanti, li l-valur taghhom jeccedi il-Lm100, li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;
4. F'St. Andrew's fl-20 ta'Dicembru, 1997, ghal habta ta' nofs in-nhar, ikkommetta hold-up, u cioe', serq ta'flus kontanti mill-ispizerija St. Andrew's Pharmacy li hija sitwata fi Triq il-Qasam, St. Andrew's, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, valur, u mezz, dan ghad-dannu ta'Andrew Attard Montaldo ;
5. Fl-istess data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe' lill-Andrew Attard Montaldo kontra l-volonta' tieghu, jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata ;

6. Fl-istess data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu, u garr arma tan-nar regolari u cioe', revolver, kif ukoll munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija ;
7. Fl-imsemmija data, hin u cirkostanzi, saq karozza Mini Minor numru CAP-231 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'hekk ma kienx kopert b'polza ta'assikurazzjoni kontra terzi persuni, u talli b'imprudenza, negligenza, b'manjera traskurata, perikoluza u bi speed eccessiv, saq l-imsemmija vettura, kif ukoll naqas li jobdi l-ordni legittima u esekuttiva moghtija mill-pulizija ;
8. Fl-istess data, hin u cirkostanzi waqt li kellu licenzja tas-sewqan sospiza mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tat-12 ta'Gunju, 1997, saq vettura meta kellu din il-licenzja sospiza ;
9. Talli hu recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definttivi bid-dati tat-12 ta'Gunju, 1997, u l-14 t'Ottubru, 1997.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 6 ta'Marzu, 2001, li biha sabet lill-Joseph Cachia hati skond l-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu ghall-sentejn prigunerija bit-tnaqqas taz-zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien hames snin.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Cachia datat 16 ta'Marzu, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata w, konsegwentement, tilliberah minn kull akkuza w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed, cioe', li, fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament erroneu tal-provi. Skond l-appellant l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha provi konkreti jew b'sahhithom bizzejjed sabiex tkun moralment konvinta mill-htija tieghu. Hu jallega li l-ewwel Qorti waslet sabiex issib htija fih ghaliex ibbazat il-gudizzju taghha fuq assunzjonijiet u supposizzjonijiet u, kuntrarjament ta' dak li trid il-ligi, hi mliet il-vojt jew nuqqas ta'provi b'asserzjonijiet u konkluzzjonijiet gratuiti.

Naturalment, din il-Qorti, bhala wahda ta'Revizjoni, ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi, u ghamlitu sewwa u profondament, aktar u aktar ghaliex l-appellant, fil-korp tar-rikors t'appell tieghu, kemm fejn semma' x'kienu l-fatti ta'dan il-kaz fil-fehma jew verzjoni tieghu, kif ukoll fil-parti fejn ipprova jghati r-ragunijiet tieghu ghaliex kien qed jappella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, allega certi fatti li minn ezami ta' dawn l-atti, dawn huma kompletament l-oppost ghal dak li jirrizulta fihom. Biex jissemmew xi zewg jew tlett ezempji

biss, Joseph Cachia jallega li d-derubat xehed li wiehed miz-zewg irgiel li wettqu l-hold-up fuqu kien liebes kalzetta tan-nylon f'rasu. Dan il-fatt ma jirrizulta minn imkien, anzi d-derubat jghid li dik il-persuna kienet mghammda b'barnuza sewda tas-suf, incidentalment bhal dik li nstabet ghand l-appellant. Jallega ukoll li hu kellu mittens, cioe' ingwanti bis-subghajn maqtughin. Ukoll jirrizulta li fuqu nstabu ingwanti tas-suf suwed, u mhux mittens. Jallega li ma kellux revolver fuqu, meta l-provi juru b'mod ferm manifest li kellu din l-arma fuqu, harigha minn wara daru u tefaghha ma' l-art hekk kif gie faccat mill-pulizija u tawh l-ordni sabiex jarmiha. Hemm hafna cirkostanzi w fatti ohra li l-appellant isemmi fl-appell tieghu, li din il-Qorti mhiex sejra tahli l-hin tirrepeti, li jew bla ebda mod ma jirrizultaw mill-provi li hemm fl-atti, jew jirrizultaw fatti li huma kompletamernt opposti ghal dak li qed jghid.

Dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti li, skond l-appellant, kien wiehed zbaljat, din il-Qorti, wara li ezaminat u analizzat il-provi sew, ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ddeskriviet b'mod ferm dettaljat ix-xhieda kollha li semghet f'dawn il-proceduri, u, wara li analizzat l-istess bir-reqqa, waslet sabiex tkun konvinta minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant huwa hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dan l-apprezzament tal-provi li sar b'mod ferm regolari mill-ewwel Qorti. Il-provi li hemm bla dubju ta' xejn huma ferm konvincenti li certament in bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellant. Hemm sensiela ta'provi diretti kif ukoll indiretti li bla ebda dubju jippuntaw b'mod univoku lejn l-appellant bhala wiehed miz-zewg persuni li wettqu l-hold-up in kwistjoni w r-reati l-ohra addebitati lilu. Hemm xhieda okulari carissima ta'persuni li identifikaw lill-appellant bhala wiehed miz-zewg persuni li kienu raw fil-vettura CAP-231 misjuqha minnu bi speed eccessiv u kontra r-regolamenti tat-traffiku. L-identifikazzjoni cara ta' dan l-appellant minn diversi persuni waqt serje ta'Identification Parades li saru fid-Depot tal-pulizija xi jumejn wara l-incident tkompli torbot lil dan l-appellant mar-reati li bihom gie akkuzat. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-provi kollha jwasslu pas wara pass ghal prova bla dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant Joseph Cachia li flimkien ma'persuna ohra wettaq ir-reati li bihom hu mixli.

Dwar il-piena li mponiet fuqu l-ewwel Qorti, kif ukoll ghall-iskwalifika mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien hames snin, l-appellant ma ressaq ebda aggravju, ghalkemm l-avukat difensur tieghu accenna ghalihom waqt it-trattazzjoni verbali ta' dan l-appell, u ghalhekk il-Qorti ma hi sejra tghid xejn dwarhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell ta'Joseph Cachia w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur